MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2004

Numru. 540/2001
Kawza Numru. 28

**Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Carmel Camilleri li joqghod 'Il-Hemda', Triq it-Torri ta' Kenuna, Nadur, Ghawdex.
Karta ta' Identita' Numru 45537 (G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-25 ta' Gunju 2001 u qabel din id-data, naqas li jhallas lill-ex impjegati tieghu Felix Cefai u Jamie Muscat kumpens flok avviz, allowance tal-gimgha u kumpens flok vaganzi u festi pubblici, kif hemm spjegat fil-prospett anness;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li tordna lill-akkuzat li jhallas lil Felix Cefai u lil Jamie Muscat l-ammonti rispettivi ta' Lm863,78c u Lm497.00c kif hemm spjegat fl-istess prospett;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi l-prosekuzzjoni ressqet provi sufficcjenti sabiex tikkonvinci lil din il-Qorti illi l-ammonti pretizi min Felix Cefia u Jamie Muscat huma dovuti mill-imputat u indebitament mizmuma minnu kontra d-dispozizzjonijiet tal-Kap 135;

Ghall-dawn il-mottivi ssibu hati;

Rat l-artikoli 10, 23, 29, 34(10)(11) tal-Kap 135 u paragrafu 3 ta' l-Avviz Legali 112/1988;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) u tordnalu jhallas lil Felix Cefai u Jamie Muscat is-somma ta' Lm863.78 u Lm497.00 rispettivament fi zmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------